# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 30 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 1824/00 AJD*

Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera The Performing Right Society Limited ta' Londra

vs

Martin Agius

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm50.39) rapprezentanti hlas ta' Royalty kwantu ghal tlieta u erbghin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm43.82) Royalty u sitt liri Maltin u seba' u hamsin centezmi (Lm6.57) Taxxa Fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 010839 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment La Buona Pasta ghall-perijodu mis-6 ta' Gunju, 2000, sal-5 ta' Gunju, 2001.
Bl-ispejjes, u il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Awissu, 2000, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard, in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara

li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm50.39), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR